MINISTERU
TA' L-EDUKAZZJONI

MINISTRY
OF EDUCATION

MALTA

**MOEDPR 045/01**

**Press Handout** **25/04/01**

# Ippublikat il-Pjan Strateġiku għall-implimentazzjoni tal-Kurrikulu Nazzjonali

Il-Ministru Louis Galea illum nieda l-pubblikazzjoni tal-Pjan Strateġiku għall-implimentazzjoni tal-Kurrikulu Nazzjonali li fil-jiem li ġejjin se jkun imqassam fl-iskejjell kollha tal-Gvern, tal-Knisja u dawk Indipendenti.

Il-Pjan Strateġiku hu frott il-ħidma tal-Kumitat ta' Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-Kurrikulu li twaqqaf f'Jannar 2000 immexxi mill-Professur Kenneth Wain. Dan il-Kumitat kellu r-rappreżentazzjoni tal-Ministeru u d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, l-iskejjel tal-Knisja u Independenti, l-Unjon ta' l-Għalliema (MUT) u l-Assoċjazzjoni kunsilli Skolastiċi.

Wara li f'Diċembru tal-1999, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ippublika il-Kurrikulu Nazzjonali - Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien, il-Ministru Louis Galea ħatar Kumitat ta' gwida b'rappreżentanza wiesgħa, bl-iskop li jkun imfassal Pjan Strateġiku komprensiv biex mill-kliem nimxu għall-fatti u għat-twettieq. Il-Kumitat, biex jiġbor l-kummenti u suġġerimenti ta'

kulħadd, organizza Konferenza Nazzjonali (National Curriculum - On Its Way) li fiha 18-il Working Group iddiskutew temi differenti tal-Kurrikulu, ix-xogħol ta dawn il-Working Groups kienu miġbura f'pubblikazzjoni oħra bl-isem "Proceedings" li qed titqassam fl-iskejjel.

Minn dak li ħareġ min dawn il-working groups, u mix-xogħol li wettaq il-Kumitat, flimkien mad-Dipartiment tal-Kurrikulu illum għandna pjan strateġiku komprensiv li għandu jwassalna biex fis-snin li ġejjin naraw bidliet kbar fil-qasam edukattiv, mill-mod kif nitgħallmu għall-ambjent fl-iskejjel, mill-assessjar għar-relevanza tat-tagħlim.

Il-Pjan Strateġiku hu rifless tal-prinċipji u l-iskopijiet tal-Kurrikulu Nazzjonali. Il-Pjan hu iggwidat mill-prinċipju ta' edukazzjoni ta' kwalita' għal kulħadd. Filwaqt li hu rejalistiku fl-aspirazzjonijiet tiegħu, u fil-miri li jpoġġi quddiemna, il-Pjan jitlob impenn qawwi minn kull min hu involut, għalliema, kapijiet ta' l-iskejjel, ġenituri, id-Diviżjoni u anke dawk li jitgħallmu.

Il-Pjan Strateġiku hu maqsum f'tlitt partijiet. L-ewwel parti titkellem dwar il-Kumitat ta' Gwida u x-xogħol li wettaq biex tinġabar l-informazzjoni u r-riċerka meħtieġa, biex ikun hemm disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar il-Kurrikulu Nazzjonali u biex finalment jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar l-implimentazzjoni. It-Tieni Parti hi l-

Pjan Strateġiku innifsu. Filwaqt li t-Tielet Parti titratta l-Kunsill Nazzjonali Dwar il-Kurrikulu (National Curriculum Council).

Il-Pjan Strateġiku:

- Japplika għall-iskejjel kollha, dawk tal-Gvern, tal-Knisja kif ukoll dawk Indipendenti.
- Jpoġġi quddiemna 140 mira.
- Hu maqsum f'tlitt fażijiet fuq perjodu ta' erba' snin.
- Jagħti l-ispażju meħtieġ biex l-iskejjel jimxu bil-pass tagħhom skond l-istadju ta' żvilupp li junu qiedin fiħ.
- Jenfasizza l-importanza ta' strutturi mekkaniżmi u riżorsi meħtieġa biex ikun implimentat il-Pjan.
    - Strutturi Ċentrali:
        - Kunsill Nazzjonali dwar il-Kurrikulu
        - 15-il Focus Group
        - Konsolidazzjoni tad-Dipartiment tal-Kurrikulu
    - Mekkaniżmi ta' riċerka u ta' *review*
    - Riżorsi umani, inkluż il-kreazzjoni ta' postijiet ġodda bħal ma huma l-*Activity Teachers*, u kordinaturi varji għall-livell Primarju u kordinaturi oħrajn fil-livell Sekondarju.
    - Ħtieġa ta' taħriġ, aġġornament u żvilupp għall-għalliema.

Il Pjan Strateġiku jkopri wkoll:

- Iċ-ċertifikazzjoni tas-SEC u l-MATSEC.
- Ir-rwol u s-saħħa tal-Kunsilli Skolastiċi.
- Ir-rabta bejn l-iskola u d-dinja tax-xogħol.
- L-iżvilupp ta' l-iskejjel bħala Ċentri ta' Tagħlim fil-Kommunita
- Id-deċentralizzazjoni, fejn kull skola għandha tiżviluppa l-Kurrikulu skond il-bżonnijiet tal-kommunita' li sservi, għandha tħejji l-iSchool Development Plan, u tieħu ħsieb ir-reklutaġġ ta' staff (mhux għalliema).

Biex jiżgura li l-miri stabbiliti fil-Pjan Nazzjonali jiġu milħuqa, il-Gvern alloka **sitt miljun lira fuq firxa ta' ħames snin** - pass li minnu kull familja Maltija se tgawdi. Xhieda ta' dan huma l-miri li wħud minnhom issemmew aktar 'il quddiem u l-firxa ta' msieħba f'din il-mixja - tfal, għalliema, ġenituri, membri tal-komunita', mexxejja fil-qasam edukattiv, akkademiċi, industrijalisti u l-impjegati tagħhom, u ħafna oħrajn.

Fid-daħla tiegħu għal dan il-Pjan, il-Ministru Galea jawgura li jinħoloq moviment dinamiku u pożittiv fil-pajjiż fejn kulħadd jingħaqad u jitraxxendi d-differenzi personali u idejoloġIċi f'mixja li tassigura l-isħaħ u l-aqwa edukazzjoni għat-tfal ċittadii tagħna.

Il-Ministru ħabbar li l-iskejjel kollha se jirċievu numru ta’ kopji ta’ dan il-Pjan kif ukoll kopja ta’ verżjoni mqassra. Iż-żewġ dokumenti jistgħu jinkisbu wkoll mid-Dipartiment ta’ l-Informazzjoni l-Belt.

Il-Ministru Louis Galea, qal li dan hu l-frott ta' ħafna xogħol li sar f'dawn l-aħħar snin waqt l-ippjanar u żvilupp kemm tal-kurrikulu kif ukoll tal-pjan stateġiku. Ma dan ix-xogħol wieħed irid jorbot ukoll x-xogħol li sar u qed isir fuq ir-riforma tat-Trade Schools, It Twaqqif tal-Kulleġġ Malti għal-Arti Xjenza u Teknoloġija, il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi, il-Fondazzjoni għall-iSkejjel ta' Għada u il-Kunsill Nazzjonali dwar il-Kurrikulu. Dawn l-istrutturi għandhom, flimkien jġibu l-bidla li għandna bżonn fis-settur edukattiv, biex bil-fatti inwettqu il-prinċipji u l-iskopijiet tal-Kurrikulu Nazzjonali.